**Dispożittiv**

1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.*

2) *Habermaaß GmbH u Here Global BV huma kkundannati għall-ispejjeż tagħhom stess, kif ukoll, kull wieħed minnhom, għal nofs l-ispejjeż sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).*

(1) ĠU C 86, 20.3.2017.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2017 – António Conde & Companhia vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-443/17 R)**

***("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Bastiment tas-sajd — Organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd fl-Atlantiku tal-Grigal — Talba għal miżuri provviżorji — Nuqqas ta' urġenza")***

(2017/C 392/41)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* António Conde & Companhia, SA, (Gafanha de Nazaré, il-Portugall) (rappreżentant: J. García-Gallardo Gil-Fournier, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouquet, A. Lewis u F. Moro, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża sabiex il-Kummissjoni tiġi ordnata tittrażmetti lis-segretarjat tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) il-lista emendata għall-2017, mibgħuta lill-Kummissjoni mir-Repubblika Portugiża, li fiha hemm il-bastimenti *Santa Isabel* u *Calvão* li jtajru l-bandiera Portugiża.

**Dispożittiv**

1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*

2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2017 – Algebris (UK) *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-570/17)**

(2017/C 392/42)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Algebris (UK) Ltd (Londra, ir-Renju Unit), Anchorage Capital Group LLC (New York, New York, l-Istati Uniti), Ronit Capital LLP (Londra) (rappreżentanti: T. Soames, lawyer, R. East, Solicitor, N. Chesaites, Barrister, u J. Vandenbussche, lawyer)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea